

Brussell, 2 ta' Diċembru 2024  
(OR. en)

16276/24

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0284 (COD)**

---

---

**ENV 1159  
ENT 215  
MI 985  
CODEC 2236**

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità għad-disinn tal-vetturi u dwar il-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/858 u 2019/1020 u li jfassar id-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE – Dibattitu ta' orjentazzjoni

---

1. Biex tiggwida d-dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq fil-laqgħa tal-Kunsill (Ambjent) fis-17 ta' Diċembru 2024, il-Prezidenza ħejjiet in-nota u l-mistoqsijiet mehmuża għall-Ministri.
2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden iqis in-nota u l-mistoqsijiet tal-Prezidenza u jgħaddihom lill-Kunsill għad-dibattitu ta' orjentazzjoni.

**Proposta għal Regolament dwar ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità għad-disinn tal-vetturi u dwar il-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw**

**- Dibattitu ta' orjentazzjoni -**

**INTRODUZZJONI**

Fit-13 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti taċ-ċirkolarità għad-disinn tal-vetturi u dwar il-ġestjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/858 u 2019/1020 u li jħassar id-Direttivi 2000/53/KE u 2005/64/KE (il-"Proposta").

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta leġislattiva tagħha u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha, flimkien ma' skambju inizjali ta' fehmiet, fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE) fit-3 ta' Ottubru 2023 taħt il-Presidenza Spanjola tal-Kunsill.

Il-Presidenza Belġjana kompliet tikseb progress sostanzjali fin-negozjati fl-ewwel nofs tal-2024, b'diskussjonijiet fil-fond matul sitt laqgħat tad-WPE.

Fost kwistjonijiet oħra, id-diskussjonijiet indirizzaw id-definizzjoni ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw (ELV) u d-distinzjoni bejn vetturi użati u ELV, flimkien mal-kriterji rilevanti fl-Anness I tar-Regolament, u wkoll il-ġbir u t-trattament tal-ELV, kif ukoll ir-reġim tal-esportazzjoni tagħhom. Ir-riżultati tal-ħidma taħt il-Presidenza Belġjana ġew irreġistrati f'test ta' kompromess parzjali<sup>1</sup> tal-Presidenza u ġew ippreżentati wkoll lill-Kunsill Ambjent f'Ġunju 2024<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> 11733/24.

<sup>2</sup> 11019/24.

## **ĦIDMA TAĦT IL-PRESIDENZA UNGERIŻA**

Il-Presidenza ddedikat sitt laqgħat oħra tad-WPE għal din il-proposta, filwaqt li nnotat li, flimkien ma' enfasi qawwija fuq l-aspetti taċ-ċirkolarità u l-protezzjoni ambjentali, l-Istati Membri jagħtu dejjem aktar attenzjoni lill-impatti tagħha fuq il-kompetittività tal-industrija tal-karozzi tal-UE, xejra li x'aktarx timmarka ċ-ċiklu leġiżlattiv attwali kollu kemm hu. Ir-riżultati tal-ħidma li saret taħt il-Presidenza Ungeriża ġew irreġistrati wkoll f'test ta' kompromess tal-Presidenza<sup>3</sup>.

### **a. Bażi legali**

Il-Kummissjoni pproponiet li l-Artikolu 114 TFUE għandu jkun il-bażi legali għall-proposta kollha. Madankollu, b'kont meħud tad-diskussjonijiet fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma, il-Presidenza żiedet l-Artikolu 192(1) TFUE bħala l-bażi legali għall-Kapitoli IV u V tal-proposta dwar il-ġestjoni tal-ELVs u dwar il-vetturi użati u l-esportazzjoni tagħhom, filwaqt li d-dispożizzjonijiet l-oħra tar-Regolament, speċjalment il-Kapitoli II u III tiegħu li jikkonċernaw primarjament il-produzzjoni ta' vetturi ġodda, jibqgħu bbażati fuq l-Artikolu 114 TFUE.

### **b. Estensjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni għal vetturi heavy-duty (HDVs) u muturi**

Il-Presidenza ddedikat żmien sinifikanti ta' diskussjoni għat-talba ta' għadd ta' Stati Membri biex jiżdied il-livell ta' ambizzjoni fir-rigward tal-HDVs u l-vetturi b'żewġ jew tliet roti u l-kwadriċikli. Dan jinkludi obbligi ġodda li inizjalment kienu previsti biss għall-karozzi tal-passiġġieri u għall-vannijiet kummerċjali ħfief, bħad-disinn li jippermetti t-tneħħija ta' ċerti partijiet, l-istabbiliment ta' strateġija taċ-ċirkolarità jew it-tikkettar tal-partijiet. Fl-istess ħin, ir-reġim tar-responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR) għall-vetturi heavy-duty u l-muturi jkun jibda jkopri mhux biss il-ġbir u t-tneħħija tat-tniġġis tagħhom, kif propost mill-Kummissjoni, iżda wkoll il-kostijiet tal-katina tat-ttrattament kollha kemm hi, kif diġà huwa l-każ għall-karozzi tal-passiġġieri u l-vannijiet kummerċjali ħfief.

---

<sup>3</sup> 16429/24.

### **c. Kontenut minimu riċiklat**

Il-kwistjoni tal-kontenut minimu riċiklat hija riflessjoni oħra tal-ambizzjoni ambjentali ġenerali tal-proposta. Filwaqt li għadd ta' Stati Membri jidhru lesti li jappoġġaw il-mira ta' 25% għall-kontenut riċiklat fir-rigward tal-plastik fil-karozzi tal-passiġġieri u l-vannijiet kummerċjali ħfief, kif propost mill-Kummissjoni, oħrajn iwissu li din tista' twassal għal distorsjonijiet tas-suq f'każ ta' nuqqas ta' materjal riċiklat. Min-naħa l-oħra, miri ambizzjużi ta' riċiklaġġ fi strumenti oħra, bħar-Regolament dwar l-Imballaġġ li ġie ffinalizzat reċentement, jistgħu jiżguraw li jkunu disponibbli ammonti suffiċjenti ta' materjal riċiklat. Rigward is-sottomira relatata ta' 25 % minn ċirkwit magħluq, xi wħud jistaqsu jekk ir-ruttam ta' qabel il-konsum jistax jintuża biex tiġi ssodisfata parti minnha.

Fl-istess kuntest, l-Istati Membri ddiskutew ukoll il-possibbiltà li l-livell ta' ambizzjoni tal-Proposta jiżdied billi tiġi stabbilita mira kwantifikata għall-kontenut minimu ta' azzar riċiklat mad-dħul fis-seħħ tal-Proposta, aktar milli tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni biex tagħmel dan f'att delegat abbażi ta' studju futur tal-fattibbiltà. Barra minn hekk, dan is-suġġett jeħtieġ aktar gwida mill-Kunsill, sabiex jiġi definit jekk jistax ikun hemm mira bażi li d-delegazzjonijiet jistgħu jaqblu dwarha minn issa, pereżempju, flimkien ma' klawżola ta' rieżami li tapplika ladarba jiġi ffinalizzat l-istudju ta' fattibbiltà.

### **d. Disinn li jippermetti t-tneħħija ta' partijiet u komponenti**

Saru diskussjonijiet bir-reqqa dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-partijiet u l-komponenti li għandhom jitfasslu b'mod li ma jfixkilx iż-żarmar obligatorju tagħhom mill-ELVs. Filwaqt li għadd ta' Stati Membri jidhru lesti li jaċċettaw il-lista proposta mill-Kummissjoni fil-parti C tal-Anness VII tal-Proposta jew saħansitra jipproponu komponenti addizzjonali li għandhom jiġu koperti (eż. sistemi start-stop jew pompi ta' assistenza bl-isteering jew kwalunkwe parti li tiżen aktar minn 10 kg), oħrajn jargumentaw li huma biss il-partijiet b'interess ġenwin tas-suq għall-użu mill-ġdid li għandhom jiġu koperti u jipproponu esklużjonijiet mil-lista. Għal darb'oħra, din id-diskussjoni tirrifletti l-għan komuni li jinstab bilanċ bejn l-għanijiet ambjentali u l-preservazzjoni tal-kompetittività.

## KONKLUŻJONI

Abbażi ta' dan kollu, il-Presidenza tqis li ż-żieda tal-Artikolu 192(1) bħala bażi legali għall-kapitoli IV u V tal-proposta għandha appoġġ wiesa' fost id-delegazzjonijiet, madankollu s-suġġetti li fadal jeħtieġu aktar gwida mill-Kunsill abbażi tal-mistoqsijiet li ġejjin lill-ministri:

- 1. L-Istati Membri jaqblu mal-estensjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni fir-rigward tal-obbligi għal vetturi heavy-duty u vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli?*
- 2. Sa liema punt jistgħu l-Istati Membri jappoġġaw il-mira għall-kontenut minimu riċiklat tal-plastik, kif stipulat fl-Artikolu 6 tal-Proposta? Fir-rigward tas-sottomira għaċ-ċirkwit magħluq, l-Istati Membri jistgħu jaċċettaw li r-ruttam tal-produzzjoni jkun parti mill-kalkolu tagħha? Sa liema livell?*
- 3. Sa liema punt jistgħu l-Istati Membri jappoġġaw mira għall-kontenut riċiklat tal-azzar mingħajr ma jistennew l-eżiti tal-istudju ta' fattibbiltà previst fl-Artikolu 6(3)?*
- 4. L-Istati Membri jistgħu jaqblu mal-lista ta' partijiet u komponenti stipulati fil-parti C tal-Anness VII tal-Proposta? Liema żidiet jew esklużjonijiet iqisu li huma meħtieġa?*